**21 Ġunju 2023**

**JUM L-OASI, Diskors f'isem il-Bord tad-Diretturi, Joseph Borg**

''Kemm hu sew li aħna hawn''

Onor Alex Borg, Sur Anton Tabone, sħabi Diretturi, Noel u dawk kollha li jaħdmu hawn, ir-residenti u klijenti presenti u tal-passat, voluntiera, mistednin u ħbieb.

''Kemm hu sew li aħna hawn'' hija l-espressjoni jew aħjar l-esklamazzjoni li ħarġet minn ħalq l-appostlu Pietru li flimkien ma' Ġakbu u Ġwanni raw trasformazzjoni qawwija, raw bidla quddiemhom. Kristu li ftit qabel kien tela' l-muntanja magħhom rawh jitbiddel quddiemhom f'dawl qawwi bajdani li għammex lil għajnejhom, raw bidla b'saħħitha li stagħġbu quddiemha, xi ħaġa li ħasdithom imma sadanittant li saħħrithom u li għoġbithom tant li Pietru tenna il-kliem, ''Kemm hu sew li aħna hawn''.

Jien xħin kont qed nirrifletti dwar il-ħsieb li nixtieq naqsam magħkom il-lejla għaddietli din id-dehra minn moħħi, u għalhekk magħkom nixtieq intenni l-istess kliem, ''Kemm hu sew li aħna hawn''. Għaliex tennejt dan il-kliem? Għaliex nixtieq intenni magħkom dan il-kliem? Għaliex l-OASI hija wkoll il-post tal-bidla. L-OASI minn isimha stess hija l-post fejn wieħed isib l-ilma wara li jkun ilu jterraq fid-deżert, u għalhekk huwa l-post fejn wieħed jgħaddi mill-għatx, għall-benna tal-ilma, fejn wieħed jgħaddi mid-dlam għad-dawl, huwa l-post fejn wieħed jgħaddi mill-għejja għas-serħan, mill-mard għas-saħħa, mill-mewt għall-ħajja.

Din hija l-bidla li kull min imiss m'hawnhekk jixtieq, jaħdem għaliha, ibati għaliha, jiġġieled kontra tiegħu innifsu u kontra l-oħrajn għaliha, imma mbagħad x'ħin jakkwistaha jkun kuntent bir-rebħa li jagħmel u jtenni l-kliem, ''Kemm hu sew li jiena hawn, kemm hu sew li irnexxieli nasal s'hawn, kemm jien kuntent b'dak li rnexxieli nakkwista''. Ma jfissirx li jekk għadek ma wasaltx, ma jfissirx li jekk xi darba wasalt u erġajt lura fejn kont qabel, għandek taqta' qalbek. Ħares 'il quddiem, kompli ġġieled, kompli tqabad, għax taf li l-kuntentizza tinsab biss f'li takkwista l-bidla, f'li tirbaħ.

Fis-26 ta' Ġunju, ħamest ijiem oħra, il-Fondazzjoni OASI tagħlaq 32 sena mit-twaqqif tagħha. Fuq kollox dan kien il-għan għaliex twaqqfet din il-Fondazzjoni

Oasi 32 sena ilu. Il-għan kien li jinħoloq l-ambjent fejn iż-żgħażagħ tagħna jingħataw opportunita' li jesperjenzjaw din il-bidla, li jingħataw opportunita' li jitrejqu bl-ilma li jagħti l-ħajja, li jingħataw l-għodda u l-għajnuna biex jiġġieldu l-ġlieda ta' dejjem, tat-tajjeb kontra l-ħażin, tad-dawl kontra d-dlam, tal-ħajja kontra l-mewt.

Minkejja li s-soċjeta' tagħna qed tinbidel b'mod mgħaġġel, minkejja li s-soċjeta' tagħna ma għadiex tingħaraf minn dik li kienet 32 sena ilu, minkejja li qatt ma ħsibna li se naħdmu f'ambjent li flok jgħinna ma jehdiex ifixkilna, għaliex l-għeruq tagħna huma radikati fis-sewwa, fit-tajjeb, fis-sabiħ, il-valuri tagħna jibqgħu l-istess, il-ġlieda tibqa l-istess u r-rebħa ta' kull wieħed tibqa l-istess.

32 sena ta' ħidma b'risq persuni u familji li sfaw vittmi tad-droga, vittmi tal-alkoħol u vittmi ta' addictions oħra.  32 sena ta' ħidma ta' prevenzjoni fl-iskejjel, fil-parroċċi u komunitajiet Għawdxin u Maltin. Minn organizazzjoni li l-intenzjoni tagħha kienet li tkun ta' ġid fil-komunità Għawdxija, minn fejn bdejna, għal organizzazjoni li firxet l-għajnuna u l-impenn tagħha b'mod nazzjonali.

Għalhekk għandna nkunu dejjem grati għal din l-inizjattiva ta' Dun Manwel Cordina u tad-diretturi l-oħra li waqqfu din il-Fondazzjoni li dejjem għamlu dan b'mod diżinteressat u  volontarju. Dħalna għal din il-biċċa xogħol u mingħajr qatt ma ħarisna lura, bqajna għaddejjin b'din l-inizjattiva. Dakinhar qatt ma ħsibna fejn ser twassal u kemm kienet ser tkun utli għal Għawdex u għal Malta tagħna.

Ovvjament l-għajnuna ma naqsitx. Għandna nkunu primarjament grati wkoll għan-numru ta' impjegati ta' din il-Fondazzjoni tal-passat u tal-preżent li jagħtu ferm aktar minn dak mistenni minnhom. Dedikazzjoni kompleta, impenn sħiħ, imħabba qawwija lejn dawn afdati f'idejhom. Grazzi lilkom ilkoll.

Ma' dawn l-impjegati ngħaqdu wkoll numru kbir ta' persuni li taw ħidma volontarja, ħidma bla waqfien, ibda minn dak li wettqu u għadhom iwettqu d-diretturi f'kull żmien tal-ħajja tal-Fondazzjoni. Il-volontarji kollha wkoll li llum l-Fondazzjoni ma tgħaddix mingħajrhom. L-esperjenza tagħna lkoll hija li minkejja l-ħafna diffikultajiet, xħin wieħed jiddedika l-ħin tiegħu b'mod diżinteressat, is-sodisfazzjon li wieħed iħoss ma jitkejjilx. Hija l-esperjenza personali tiegħi u hija l-esperjenza personali ta' sħabi u hija l-esperjenza ta' kull voluntier li jmiss ma' dan il-post. Huwa l-każ fejn wieħed irid jistqarr li meta tagħti bla kundizzjoni; tirċievi lura verament ferm u ferm aktar.

Illum għalhekk hija ġurnata fejn nuru l-gratitudni tagħna lil kull min qed jagħmel ħiltu biex il-Fondazzjoni OASI tkompli tkun għal min għandu bżonn dak li dejjem kienet sa' mill-bidu: għajn tal-ilma ħaj.

Huwa doveruż li nirrikonoxxu il-ħarsa fit-tul li għamel Dun Manwel Cordina ferm qabel it-32 sena li qed insemmu. Ħarsa lejn il-futur li l-frott tagħha għadna qed naħsduh illum. Xieraq li nsemmu lill-Ministeru tal-Politika Soċjali u l-Ministeru għal Għawdex tal-għajnuna tagħhom. Nirringrazzja lill-Knisja f'Għawdex li mill-bidu nett appoġġjat u qed tappoġġja lil din il-Fondazzjoni. Nirringrazzja lil kull min jgħin finanzjarjament u b'mezzi oħra lil Fondazzjoni kemm ditti kif ukoll individwi. Nirringrazzja għal darb'oħra lill-impjegati kollha ta' din il-Fondazzjoni. Nirringrazzja wkoll lid-Diretturi u l-voluntiera kollha. Nirringrazzja lil kull min għadda minn hawn u rebaħ il-ġlieda. Qed tkunu ta' eżempju ċar għal min għadu jiġġieled. Stqarrija li l-bidla, ir-rebħa, fl-aħħar hemm qiegħda.

Ejjew mela nkomplu niġbdu ħabel wieħed biex l-OASI tkompli tkun strument ta' għajnuna lejn kull min ifittixha. Kull fejn ikun hemm numru ta' persuni li jaħdmu flimkien għal ġid ta' ħaddieħor b'mod diżinteressat dejjem jitwettqu l-mirakli. U l-OASI hija miraklu ta' 32 sena għaliex kull wiehed u waħda minnkom tagħmlu l-parti tagħkom. Mela huwa aktar minn xieraq li ntennu flimkien, ''Kemm hu sew li aħna hawn'' u nirringrazzjaw lil Dak li minn hemm fuq jippermettielna li nkunu parti minn dan il-miraklu.

Grazzi lilkom ilkoll u nsellmilkom.